

## DEĊIJONIJIET

### DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/1509

**tal-4 ta' Settembru 2015**

**li taħtar membru supplenti Taljan fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Jannar, fil-5 ta' Frar u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 (¹), (UE) 2015/190 (²) u (UE) 2015/994 (³) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Clodovaldo RUFFATO, sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sur Eros BREGA, *Consigliere della Regione Umbria*.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ASSELBORN

---

(¹) ĠUL 20, 27.1.2015, p. 42.

(²) ĠUL 31, 7.2.2015, p. 25.

(³) ĠUL 159, 25.6.2015, p. 70.